Meta joqrob ta' l-Użarju
Minn ġol-artijiet tas-sħana
Stenna tiġi miġja wrieżaq
Tarma twerżaq fuq l-art tagħna.

Kemm-il-darba jagħmel difa;
Għax għalihom dan trabokk!
Arah ġej bħal sħab imċarrat
'L hawn minn Nofs-in-Nhar sax-Xlokk.

Ġejja x-xita... qed iberraq
Lejn il-Lbiċ imil nofs riħ,
Awl-il-lejl jien rajt il-kwiekeb
Tinfed l-ajru w-iddub fih!

Ma jdumx, għedt, ir-riħ ma jonfoħ
Mnejn il-kwiekeb ġibdu u ġrew;
Għax mas-sebħ rajt il-qattusa
'L hemmhekk tħares sebħet sew,

Tobrox tħarbex--tobrox tħarbex...
U dufrejha ssinn w-issinn
U titkagħbar donnha ħmara
Daqqa 'l hawn u daqqa 'l hinn!

Bnazzi żejt—iżda l-imħalel
Riekba fuq xulxin ikissru
F'xatt il-baħar: maltempata
Jew uragan kbir ifissru!

* * *

Kanġu l-baħri—"dawna ftietaq
Kont nitlaqhom jien fil-ġenb"
Dawna qalli, "għax il-baħar
Hu li jikxef il-maltemp";

Qal: "Niftakar l-ewwel darba
Meta Tunes jien kont mort
Tal-maltemp sinjali rajna
Hekkif ħriġna minn ġol-Port.



Fuq il-gverta konna qiegħda—
S'issa l-baħar bnazzi żejt—
Wieħed-wieħed resqin lejna
Ħafna dniefel nara bdejt.

Bdew jitliegħbu, l-ilma jtajru
Rashom minn wiċċ l-ilma jtellgħu
Fuq xulxin ukoll jinxteħtu
Jien stħajjilthom qed jitbellhu.

Baħri xwejjaħ ħares lejhom:
Dak, qalilna, taf x'jinsiħ?
Dak ifisser illi barra
Hemm il-baħar jidres sħiħ!

R. M. B.

## L-ANNIMALI U L-EGĦDEWWA TAGĦHOM

Fil-għadd tal-"Malti" ta' Settembru ta' dis-sena, is-Sur S. kiteb artiklu milqut tajjeb fuq l-annimali u l-egħdewwa tagħhom, iżda qabżitlu xi ħaġa ta' min isemmiha.

L-ewwel nett, kif il-klamar jilqa' ruħu mill-egħdewwa tiegħu?—Kulħadd jaf li dan l-annimal għandu ġewwa fih bħal borża mimlija linka sewda daqs id-dlam. Għalfejn isservih? — Ngħidilkom malajr. Malli l-klamar isib ruħu mdawwar mill-egħdewwa x'jagħmel? Dlonk jitfa' l-linka u l-baħar ta' madwaru jiddardar u jsir iswed u l-klamar ma jidhirx iżjed, għax ħafif daqs vleġġa, jaħrab u jgħib. Din hi li Alla l-Imbierek tah biex isalva ħajtu.

It-tieni hemm il-porkuspin Ma nafx jekk qattx rajtu xi wieħed minn dawn l-annimali. Fuq ġismu kollu jġib, bħall-qanfud, pinen twal, bejn wieħed u ieħor, nofs xiber. Malli xi ħadd jersaq lejh jitfagħlu waħda minn dawk il-pinen perikulużi ferm u jferih. Alla jħares tiġi f'għajnejh għax tagħmih għal kollox.

Darba jien rajt wieħed f'gaġġa,Ħal-Lija, f'Villa ta' wieħed sinjur. Malli lemaħni u rsaqt lejh, is-sinjur widdibni biex nitbiegħed għax qalli li qiegħed f'periklu kbir, u hekk kien, il-għaliex malli l-annimal lemaħni beda jfajjar minn dawk il-pinen u li ma tbegħidniex konna nispiċċaw ħażin: waħda mill-pinen irfajtha u għadha għandi bħala tifkira.

C. M. D. C.